MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 299/2000/1

**Geocon Limited**

**v.**

**Kunsill Lokali ta' Siggiewi**
**u Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Frar 2000 is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija ezegwit xogholijiet ghall-beneficcju tal-konvenut

Kunsill Lokali tas-Siggiewi, konsistenti f'servizzi professjonali rezi mill-Perit tas-socjeta` attrici, il-Perit Arkitett u Ingenjier Civili John Farrugia; illi l-inkarigu ghal dawn is-servizzi professjonali inghata mill-konvenut Joseph Camilleri, illi f'dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Kunsillier fil-Kunsill Lokali konvenut; illi s-socjeta` attrici ezegwiet dan l-inkarigu b'bona fidi billi, meta irceviet l-istruzzjonijiet minghand il-konvenut Joseph Camilleri, ma kellhiex raguni li temmen illi l-istess konvenut ma kienx qed jagixxi bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut; illi l-Kunsill Lokali konvenut accetta l-istess xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici minghajr ebda kontestazzjoni jew rizerva; illi, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, il-konvenuti jew min minnhom, jinsabu debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf u tmienja u tlettin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (LM1038.24), rapprezentanti prezz dovut lill-istess socjeta` attrici ghas-servizzi professjonali rezi minnha kif fuq spjegat; illi interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-hlas ta' l-ammont dovut, sahansitra permezz ta' ittra bonarja datata 29 ta' Lulju 1999 u permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru 1999, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tmienja u tletin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (LM1038.24), rapprezentanti l-prezz dovut lill-istess socjeta` attrici ghas-servizzi professjonali rezi fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti, jew ta' min minnhom.

Bl-ispejjes, konprizi dawk tal-ittra bonarja tat-29 ta' Lulju 1999 u tal-ittra uffijcali datata 28 ta' Settembru 1999, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data illi fiha gew kompletati s-servizzi rezi mis-socjeta` attrici sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenuti illi jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

B'notaipprezentata fit-2 ta' Marzu, 2000 il-Kunsill Lokali Siggiewi eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici hija (sic) infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Kunsill konvenut ma kkommissjonax lis-socjeta` attrici sabiex tippresta s-

servizzi professjonali billi taghmel stima ta’ rikostruzzjoni ta’ Triq ta’ Bur il-Kbir, Siggiewi, izda sabiex jaghti stima ta’ xogholijiet ta’ tiswija ta’ l-istess triq;
2. Illi l-Kunsill konvenut qatt ma accetta l-istess xoghol ezegwit u dejjem ikkontesta li jhallas ammont kif jidher minn ittra tal-Kunsill konvenut tat-12 ta Marzu 1998 u tad-9 ta' Ottubru 1998, annessi u mmarkati bhala Dok KLS 1 u Dok KLS 2.
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost jekk ix-xoghol sar in bona fede kif dikjarat mis-socjeta` attrici b’hekk jidher li tali xoghol sar fuq inizjattiva tal-istess socjeta` attrici.
4. Illi l-kummenti jew diskors li jsir minn wiehed mill-Kunnisilliera tal-Kunsill konvenut ma jikkostituwix kuntratt bejn is-socjeta` attrici u l-Kunsill konvenut, u b’hekk m’hemm l-ebda kuntratt bejn il-partijiet, u konsegwentement jekk sar ix-xoghol minghand il-Kunsill konvenut dan sar a bona volonta` taghha.
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici ma intalbitx sabiex taghti kwotazzjoni tax-xoghol professjonali li kienet se taghmel u b’hekk ma setax jigi kkuntrattat sabiex jaghmel tali xoghol ghall-Kunsill konvenut.

B’nota pprezentata fl-10 ta’ Marzu, 2000 il-konvenut Joseph Camilleri eccepixxa:-
1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma kkommissjonax lis-socjeta` attrici sabiex tippresta s-servizzi professjonali billi taghmel stima ta’ rikostruzzjoni ta’ Triq Ta’ Bur il-Kbir, Siggiewi, izda l-Kunsill Lokali, Siggiewi kkommissjona lis-socjeta` attrici sabiex jaghti stima ta’ xogholijiet ta’ tiswija ta’ l-istess triq;
2. Illi t-triq in kwistjoni mhix il-proprjeta` personali tal-konvenut, izda hija proprjeta` pubblika u b’hekk il-konvenut m’ghandux interess la guridiku jew mod iehor sabiex jitlob stima ta’ rikostruzzjoni ta’ triq.
3. Illi l-konvenut f’okkazzjoni minnhom, fil-kapacita` ta’ Kunsillier tal-Kunsill Lokali, Siggiewi, kien qed jisspezzjoni l-patching tat-triq in kwistjoni flimkien ma rapprezentanti tas-socjeta` attrici, izda fl-ebda hin ma ta istruzzjoni jew fil-vesti tieghu personali u lanqas fil-kapacita` tieghu ta’

Kunsillier fil-Kunsill Lokali, Siggiewi sabiex isiru xi servizzi addizzjonali.
4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost jekk ix-xoghol sar in bona fede kif dikjarat mis-socjeta` attrici b'hekk jidher li tali xoghol sar fuq inizjattiva tal-istess socjeta` attrici.
5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost kummenti jew diskors li jsir minn wiehed mill-konvenuti ma jikkostituwix kuntratt bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut u b'hekk m'hemm l-ebda kuntratt bejn il-partijiet, u konsegwentement jekk sar ix-xoghol lill-Kunsill konvenut dan sar a bona volonta taghha.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar, 2003 meta cahdet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjes kontra taghhom u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"L-atturi qed jitolbu s-somma [ta'] LM1,038.24 rapprezentanti l-prezz dovut lill-istess socjeta` attrici ghas-servizzi professjonali rezi fuq inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti.

"John Baptist Farrugia ghas-socjeta` attrici xehed li l-kunsillier Joseph Camilleri kien inkarigah biex ihejji stima dettaljata ta' xogholijiet ta' *tarmac* ghal Triq Bur il-Kbir u parti minn Triq il-Brija. Camilleri kien talbu jaghmel zewg stimi separati, wahda ghal *road patching works* u ohra ghat-tqeghid ta' *tarmac*. Hu kien jaf li Camilleri kien membru tal-Kunsill Lokali u *Chairman* fuq il-kumitat appuntat mill-Kunsill biex jiehu hsieb dawn ix-xogholijiet …. Din kienet l-unika laqgha li kellu ma Camilleri. Mill-bqija kien jikkomunika mas-Segretarju dwar hlas.

"Il-Kunsill kien ghazel li jaghmel ix-xoghol ta' *road patching* biss, u hu thallas bit-tariffa kontrattwali ta' 3% tal-valur tax-xoghol ezegwit taht is-supervizjoni tieghu skond offerta li kien ghamel lill Kunsill meta gie maghzul. Meta baghat il-kont Dok C a fol. 51 ghall-istima tar-*reconstruction works,* hu applika r-rata minima ta' 1% tal-valur ta' l-istima ghal dan ix-xoghol. Is-segretarju tal-Kunsill John Vella kien infurmah li ufficjalment il-Kunsill

qatt ma talab li ssir l-imsemmija stima u ghalhekk ma kellhom ebda obbligu li jhallsuh. Hu kien rega' kiteb lill-Kunsill u qallhom li kien irceva dan l-inkarigu minghand membru tal-kunsill u li huma kienu ghamlu uzu minn dina l-istima, izda l-Kunsill baqa' jirrifjuta li jhallas.

"John Vella, Segretarju tal-Kunsill, xehed li f'dan il-kaz hu ma kienx talab la verbalment u lanqas bil-kitba lis-socjeta` attrici biex taghmel stima tal-hsara bl-iskop li jsir resurfacing tat-Triq maghrufa bhala Ta' Bur. Il-Kunsill ma awtorizzahx u lanqas ma ttiehdet decizjoni f'dan is-sens. Il-Kunsill kien konxju li tali progett kieku kellu jsir kien jiswa eluf kbar ta' liri u dan ma kienx priorita`. Is-socjeta` attrici kienet inghatat instruzzjonijiet biss biex taghmel stima ghal xogholijiet ta' tiswija tal-hsara u dan bhal ma soltu kien isir. l-istima li ghamlet is-socjeta` attrici dwar *resurfacing* kien inizzjattiva taghha u l-Kunsill qatt ma kien nkariga lil Joe Camilleri sabiex jagixxi ghan-nom tieghu f'dan ir-rigward. Kunsillier ma jistax jiddeciedi x'jonfoq u ma jonfoqx billi d-decizjoni johodha l-Kunsill.

"Il-konvenut Joe Camilleri xehed li hu kien inkarigat mill-Kunsill bhala *chairperson* tas-sottkumitat infrastruttura biex jiehu hsieb ix-xogholijiet infrastrutturali li jordna l-kunsill. Is-socjeta` attrici kienet imqabbda bhala *contracts manager* biex taghmel xogholijiet ta' supervizzjoni nfrastrutturali li jsir minn kuntratturi tal-kunsill. Hu qatt ma ta' struzzjonijiet lis-socjeta` attrici sabiex taghmel stima ta' xoghol relatat mar *resurfacing* ta' Triq ta' Bur il-Kbir. Hu kien mar mal Geocon u mal kuntrattur tal-Allworks sabiex isir stima limitatament ghax-xoghol ta' patching minhabba hsarat li kien hemm u dana bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Hu qatt ma talab lis-socjeta` attrici jew tahom x'jifhmu li qed jitlob stima ta' rikostruzzjoni tat-triq in kwistjoni billi l-Kunsill kien jaf li dan ix-xoghol kien jiswa eluf ta' liri u l-Kunsill ma kien f'posizzjoni li jhallas. Ghalhekk talbu stima ta' *patching.* Hu ma kellux awtorizzazzjoni jitlob dawn li stimi billi dawn setghu johorgu biss mis-segretarju tal-kunsill.

**"Tikkunsidra**

“Kwantu ghall-konvenuti Kunsill Lokali Siggiewi jirrizulta, (u l-atturi mhux qed ighidu l-kontra), li l-Kunsill la verbalment u lanqas bil-kitba ma talab lis-socjeta` attrici biex taghmel stima tal-hsara bl-iskop li jsir *resurfacing* tat-Triq maghrufa bhala Ta’ Bur. Jirrizulta li qatt ma kienet ittiehdet decizjoni f’dan is-sens mill-Kunsill Lokali, billi l-Kunsill kien jaf li dina kienet spiza li ma setghax jaffordja u ma kienx f’posizzjoni li jhallas dana l-ammont u dana x-xoghol ma kienx priorita`.

“Ghalhekk il-konvenuti, Kunsill Lokali, ma jistghux jinzammu responsabbli ghall-hlas mitlub mill-atturi billi ma giex ordnat minnhom.

“L-atturi izda ghamlu l-kawza wkoll kontra l-Kunsillier Joseph Camilleri personalment billi skond John Baptist Farrugia kien dana li qabbadhom jaghmlu l-istima li l-Kunsill issa qed jirrifjuta li jhallas.

“Joseph Camilleri cahad li hu qatt ta’ struzzjonijiet lis-socjeta` attrici sabiex taghmel stima ta’ xoghol relatat mar-*resurfacing* ta’ Triq Ta’ Bur il-Kbir. Hu kien mar mal-Geocon u mal-kuntrattur tal-Allworks sabiex isir stima limitatament ghax-xoghol ta’ *patching* kif soltu jsir u dana minhabba hsarat li kien hemm u bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

“Fuq dana l-punt John Baptist Farrugia jghid li kien iltaqa’ ma’ Camilleri u rapprezentant tas-socjeta` Allworks fuq is-sit u *dakinhar Camilleri inakrigani sabiex inhejji stima dettaljata tax-xogholijiet ta’ tarmac ghal Triq Bur il-Kbir u parti minn Triq il-Brija …. Camilleri qalli li* ***xtaq*** *li jiena naghmel zewg stimi separati, wahda ghall road patching works u ohra ghall tqeghid ta’ tarmac. Jiena ma qattx nistaqsi ghalfejn ried zewg stimi separati, izda* ***fhimt*** *illi l-Kunsill ried hekk sabiex ikun jista` jqabbel l-prezzijiet qabel ma jiddeciedi dwar in-natura tax-xoghol li kellu jsir. Dak il-hin lanqas biss ghaddieli minn mohhi li nistaqsi lil Joseph Camilleri sabiex jurini xi dokument li jipprova li kien qed jagixxi f’isem il-Kunsill, billi jiena kont naf illi dina l-persuna kienet membru fuq l-istess Kunsill u kien anke jokkupa l-kariga ta’ Chairman fuq il-kumitat (fol. 24).*

"Illi jirrizulta mill-istess xhieda ta' Farrugia, li Camilleri xtaq li jsiru zewg stimi imma ma kienx ordnalu li jaghmel dawn iz-zewg stimi. Hu kien awtorizzat biss li jitlob stima limitatament ghax-xoghol ta' *patching* minhabba hsarat. Farrugia izda jghid li fehem li l-Kunsill ried zewg stimi biex jiddeciedi dwar in-natura tax-xoghol li kellu jsir, mentri fil-fatt il-Kunsill kien diga' deciz fuq ix-xoghol li kellu jsir u kien dan li talab lill atturi u mhux li jsiru zewg stimi. Farrugia kien jaf li ordnijiet tal-Kunsill iridu jkunu awtorizzati mill-Kunsill u li l-ordni tohrog mis-Segretarju u mhux mill-kunsilliera. Dan kien jafu ghax hu kellu *contract management* ma l-istess Kunsill u kien jaf li kien hemm procedura partikolari li trid tigi segwita biex wiehed jiehu xoghol mill-Kunsill.

"Illi ghalhekk lanqas il-konvenut Camilleri m'ghandu jinzamm responsabbli ghall-hlas li qed jitolbu l-atturi billi ma kienx inhareg inkarigu ghall-istima in kwistjoni."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors pprezentat fit-18 ta' Frar, 2003, intavolat appell quddiem din il-Qorti fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza appellata tigi revokata, annullata u mhassra previa c-cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati u b'hekk tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenuti appellati, jew min minnhom, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti appellati.

Il-konvenuti appellati ma pprezentaw ebda risposta.

L-aggravji tas-socjeta` attrici appellanti huma bazikament is-segwenti:

a) Illi l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel qorti tal-kliem testwali kontenut fl-affidavit tar-rappresentant tas-socjeta` attrici kienet zbaljata.

b) Illi l-ewwel qorti naqset li taghti piz lix-xhieda tas-Segretarju tal-Kunsill John Vella, liema xhieda, skond l-appellanti, tikkorrobora t-tezi tas-socjeta` attrici.

c) Illi meta il-konvenut Camilleri kien ordna li jsiru x-xogholijiet mis-socjeta` attrici huwa kien qieghed jaghti dan l-inkarigu fil-kwalita` tieghu ta’ Kunsillier fil-Kunsill Lokali, Siggiewi.

**Ikkusidrat:**

Il-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti ghandha zewg aspetti distinti. Mill-banda l-wahda hemm l-kwistjoni ta’ kredibilita` u cioe` jekk, kif qed tallega s-socjeta` attrici, hija kienet inghatat l-inkarigu biex isiru zewg stimi fir-rigward ta’ xogholijiet konnessi ma Triq ta’ Bur il-Kbir, wahda ghall-*patching works* u ohra ghar-*resurfacing works*, jew jekk, kif qed ighid l-Kunsill Lokali Siggiewi, l-inkarigu kien limitat ghall-istima ghall-*patching works*. Fit-tieni stadju, u dana in vista tal-fatt li l-uniku diskors kien bejn il-Perit John Farrugia u l-konvenut Joseph Camilleri, ghandu jigi ezaminat jekk l-istess konvenut Camilleri kellux id-dritt li jitlob stima jew stimi, kif qed jigi suggerit mis-socjeta` appellanti.

Ma hemmx dubbju li l-Kap 363 dwar il-Kunsilli Lokali, jimponi dmir fuq il-kunsilli li jiehdu hsieb it-toroq tal-belt jew rahal li huma jirraprezentaw b’eccezzjoni ghal dawk it-toroq, monumenti u affarijiet simili elenkati fir-Raba’ Skeda annessa mal-istess Att. Infatti l-Artikolu 33(1)(a) tal-Kap 363 jiddisponi espressament li fost id-dmirijiet tal-kunsill hemm dak “*to provide for the upkeep and maintenance of, or improvements in, any street or foothpath, not being privately owned:*” U biex ma jkun hemm ebda dubbju l-proviso ghall-dan il-paragrafu jghid hekk: “*Provided that maintenance in relation to any street or footpath includes the patching or resurfacing thereof, but does not include its reconstruction.*” Fil-qadi ta’ dan id-dmir il-Kunsill, tramite is-Segretarju, ghandu jinqeda b’sejha ghall-offerti tal-partijiet interessati li jaghmlu x-xogholijiet, jew joffru is-servizzi jew materjal rikjest kif previst fl-Artikolu (1) tat-tieni parti ta’ l-Avviz Legali 157 tan-1993 (kif emendat bl-Avviz Legali 457 tal-2004) u f’dan il-kuntest is-Segretarju ghandu jassikura li jkun hemm “*an estimate of the contract value, which estimate shall be approved by the Council.*”

Jirrizulta li fid-29 ta' Jannar, 1998 is-socjeta` attrici appellanti baghtet ittra forma ta' FAX lill-Kunsill Lokali konvenut fejn jinghad espressament hekk:
"***Triq Bur il-Kbir & Part of Triq il-Brija (approximate area 9600 sq.m)***

"Reference site visit earlier today, it is evident that road repair is very urgently required along the whole surface. Instant photographs (handed to Cllr Joe Camilleri) would reveal the extent of damage the road surface suffered recently due to bad weather."

F'din l-ittra imbaghad jinghad li minhabba t-toqob fit-triq il-passagg ghall-vetturi kien eskluz u li, biex jirmedja, il-kuntrattur tal-Kunsill kien ezegwixxa xogholijiet ta' natura temporanea u li kien suggerit li meta t-temp jkun aktar xott, is-superficji tinghata qoxra hoxna zewg pulzieri. Wara dan l-istess Perit J.B. Farrugia, li iffirma din l-ittra, kompla biex ta stimi relattivament ghall-"*Road patching*" bil-valur massimu ta' LM15,200, kif ukoll stima ghal dak li jissejjah bhala "*Re-construction works*" b'valur ta' LM98,880.

Din il-Qorti tosserva s-segwenti:
a) F'din l-ittra ma issir ebda referenza ghal xi inkarigu moghti mill-Kunsill jew minn Joseph Camilleri.
b) Dawn l-istimi gew maghmula fil-perjodu meta s-socjeta` attrici kienet qed taqdi l-inkarigu ta' Contract Manager ghall-Kunsill in forza ta' kuntratt datat 20 ta' Awissu 1997 – liema inkarigu kien jaghlaq fid-19 ta' Awissu 1998.
c) Illi s-socjeta` attrici kellha interess fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet skond l-istimi billi skond l-Annex 3 anness mal-kuntratt tal-20 ta' Awissu 1997, l-istess socjeta` kienet ser tithallas 5% mill-valur tax-xogholijiet li jinghataw lill-kuntrattur (vide fol 34).
d) Illi t-tieni l-istima moghtija fl-ittra tad-29 ta' Jannar 1998 kienet ghall-*Road Reconstruction Works* liema xogholijiet huma espressament eskluzi a tenur tal-proviso ghall-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33(1) tal-Kap 363.

Cirka xahar wara din il-Fax u ezattament fil-25 ta' Frar 1998 is-socjeta` attrici baghtet kont indikat bhala Invoice No. 09/728 limitatament ghall-istima koncernanti ir-*Road Reconstruction Works* u dana fl-ammont ta' LM1038.24 inkluz is-CET. Ghal dan il-kont is-Segretarju tal-Kunsill rreagixxa billi fit-12 ta' Marzu 1998 kiteb lis-socjeta` attrici fejn, wara li ghamel referenza ghall-istess, qal:-
"Nixtieq ninfurmak li ufficjalment il-Kunsill qatt ma talab li ssir tali stima u ghaldaqstant ma ghandu l-ebda obbligazzjoni li jhallas dan il-kont. Nahseb li gara hu li waqt is-'site inspection' li saret bejnek, is-Sur Joseph Camilleri u l-Kuntrattur, xi hadd seta rrifera ghall-possibilita` li din it-triq tinkesa bit-tarmac sabiex b'hekk nevitaw il patching. Dan bl-ebda mod ma jfisser li l-Kunsill ikkommissjona dan ix-xoghol jew preparament tieghu."

Fir-risposta taghha tal-21 ta' Lulju, 1998, is-socjeta` attrici osservat is-segwenti: "*Ta' min jinnota li ghalkemm il-Kunsill ma ikkommissjonax bil-miktub dan ix-xoghol, l-istess Kunsill ghamel uzu totali mill-istess stima tant li ddecieda li ma jsirx xoghol kif spjegat fl-istess stima*." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti tosserva li fl-ghoti ta' tenders il-kariga tas-Segretarju tal-Kunsill ghandha l-importanza taghha billi huwa dan li, skond l-Avviz Legali 157 tal-1993, kif sussegwentement emendat, ghandu d-dmir li jassikura li, fost affarijiet ohrajn, jkun hemm stima tax-xogholijiet liema stima tingieb a konjizzjoni tal-Kunsill ghall-approvazzjoni tieghu. Issa jirrizulta, kif anke ammess mill-istess socjeta` appellanti, li fir-retroxena ta' dan l-incident is-segretarju tal-Kunsill ma jinkwadrax u dana gie konfrontat bi stat ta' fatt li ma kellu ebda partecipazzjoni fih u lanqas xi kontroll fuqu. Minn dan jidher li t-talba attrici ma tistax tigi akkolta billi qatt ma kien jezisti inkarigu ghas-servizz moghti u xejn ma jiggova lis-socjeta` attrici li tghid li dan l-inakrigu nghata minn kunsillier li kien izomm il-kariga ta' Chairman of Works ghax anke hawn l-otteniment tal-istima kien dejjem fil-mansjonijiet tas-segretarju tal-Kunsill u ta' hadd izjed. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju mhux gustifikat ghalkemm din il-Qorti tosserva li, jekk huwa minnu dak li qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici u cioe`

li l-Kunsill ghamel uzu minn din l-istima, tirrizerva, *si et quatenus*, kull dritt spettanti lilha f'dan ir-rigward.

Dan stabbilit din il-Qorti ma tara ebda utilita` li tezamina l-posizzjoni tal-konvenut l-iehor Joseph Camilleri billi s-socjeta` attrici tghid li dana agixxa f'isem l-Kunsill u bhala tali ghandu jorbot lill-istess kunsill. Gialadarba, kif inghad hawn fuq, il-Kunsill ma jistax jintrabat minn Kunsillier, kull intervent ta' Joseph Camilleri ma ghandu jkollu ebda effett posittiv ghas-socjeta` attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta`.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------